MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-10 ta' April, 2014

Rikors Numru. 1130/2013

**Ant. Bezzina (Estates) Limited (C2150) kif rapprezentata minn Vincent Curmi bhala likwidatur tal-istess**

***kontra***

**Ir-Registratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors prezentat fis-26 ta` Novembru 2013 li jaqra hekk–

*Illi kif jidher mid-dokumenti hawn annessa bhala Dok HIL1 sa Dok HIL3 fis-27 ta` Frar 2012 l-isem tas-socjeta` Hotels International Limited (C1380) gie mhassar mir-Registru tas-Socjetajiet a tenur tal-artiklu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386).*

*Illi s-socjeta` rikorrenti saret taf b`dan ricentement.*

*Illi ai termini tal-artikolu 325(4) tal-Kap 386 ghadhom m`ghaddewx hames snin minn meta din is-socjeta` thassret minn fuq ir-registru.*

*Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha kawza pendenti kontra s-socjeta` Hotels International Limited (C1380) fl-ismijiet "Vincent Curmi bhala likwidatur tas-socjeta` Ant. Bezzina (Estates) Limited (C2150) –vs- PL Carmelo sive Lino D. Abela u Hotels International Limited gia` Palm Beach Investment Limited (Rikors Guramentat Nru. 643/2007SM) li fiha s-socjeta` rikorrenti qed titlob inter alia li dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta tiddikjara (i) li fond konsistenti f`Lukanda f`idejn is-socjeta` Hotels International Limited in subenfitewsi ma nzammx fi stat ta` manutenzjoni tajba u mhux qed jintuza bhala lukanda u (ii) ix-xoljiment ta` zewg kuntratti relattivi ghal din is-subenfitewsi. Kopja tar-rikors promotur qed jigi esebit bhala Dok HIL4.*

*Illi biex il-gudizzju ta` din il-kawza jkun integru u sabiex fi kwalunkwe kaz is-socjeta` rikorrenti tkun tista` tiehu lura l-proprjeta` immobbli minhabba x-xoljiment tas-subenfitewsi, jehtieg illi isem is-socjeta` Hotels International Limited jidhol fir-Registru*

*tas-Socjetajiet a tenur tal-artiklu 355(4) tal-Kap. 386 u bl-effetti kontemplati mill-imsemmi artiklu.*

*Illi dan ir-rikors huwa minghajr pregudizzju ghal kull dritt u rimedju iehor spettanti lir-rikorrenti.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti :-*

*1. Joghgobha tordna illi isem is-socjeta` Hotels International Limited jerga` jidhol fir-Registru tas-Socjetajiet a tenur tal-artiklu 325(4) tal-Kap. 386 bil-konsegwenzi kontemplati mill-imsemmi artiklu fosthom illi mal-konsenja mir-Registratur tal-Qorti lir-Registratur tal-Kumpanniji ta` kopja ufficjali tal-ordni moghti minn dina l-Onorabbli Qorti ghar-registrazzjoni l-kumpannija Hotels International Limited ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar ; u*

*2. taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jkunu xierqa biex il-kumpannija Hotels International Limited u l-esponenti jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista` jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar ;*

*3. tordna li kopja ufficjali tas-sentenza ossia ordni moghti minn dina l-Onorabbli Qorti tigi notifikat jew konsenjata mir-Registratur tal-Qorti lir-Registratur tal-Kumpanniji ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati flimkien mar-rikors promotorju.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fit-30 ta` Jannar 2014 li taqra hekk –

*Illi in kwantu ghall-meriti fattwali peress illi l-esponent mhuwiex edott mill-fatti kollha kif dikjarati mir-rikorrent huwa jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju tal-Qorti.*

*Illi l-kumpannija Hotels International Limited (C1380) kienet giet registrata fil-21 ta` Jannar 1969 u sussegwentement prezentat ghar-registrazzjoni d-dokumenti tal-compliance sabiex tigi regolata taht l-Att dwar il-Kumpanniji 1995.*

*Illi madankollu l-kumpannija in kwistjoni naqset ghal diversi snin milli tosserva l-obbligi u dmirijiet legali taghha taht l-istess Att. Tant hu hekk illi l-kumpannija ma baghtet l-ebda prospett annwali u kontijiet annwali mid-data ta` meta gew prezentati d-dokumenti tal-compliance. Fil-fatt l-uniku dokument li ntbaghat mill-ufficjali tal-kumpannija kienet Form K li kienet iggib id-data tal-11 ta` Lulju 2001.*

*Illi tali nadempjenzi serji u kontinwi wasslu lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex imexxi ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji vis-a-vis il-kumpannija in kwistjoni. Dan sabiex jikkonferma jekk is-socjeta` in kwistjoni kinitx qieghda topera jew tmexxi negozju u jekk l-ufficjali taghha kellhomx xi tip ta` interess illi l-isem tas-socjeta` jibqa` fuq ir-Registru.*

*Illi ghaldaqstant ir-Registratur baghat il-korrispondenza u hareg l-avvizi kif inhu marbut illi jaghmel skont l-Artikolu suespost izda minkejja dan huwa qatt ma gie nfurmat bl-interess tar-rikorrenti illi l-isem tal-kumpannija jibqa` fuq ir-Registru. L-*

*esponent jirrileva wkoll illi ebda korrispondenza li ntbaghtet minnu qatt ma giet lura u ghalhekk wiehed jassumi illi tali korrispondenza waslet ghand id-destinatarji rispettivi.*

*Illi nonostante tali nuqqas peress illi hemm kawza pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta l-esponent qed jaddotta linja fejn ma jikkontestax it-talba kif imressqa mir-rikorrenti illi l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-Registru jekk dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huwa xieraq u opportun illi ssir dan fic-cirkostanzi partikolari ta` dan il-kaz.*

*Illi r-Registratur jixtieq jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi jekk jidhrilha illi l-isem tal-kumpannija ghandu jerga` jitpogga fuq ir-Registru tal-Kumpanniji fis-sentenza ghandhom jigu ndikati l-iskop, il-kondizzjonijiet u termini mehtiega skont ic-cirkostanzi tal-kaz odjern. Dan sabiex jinstab bilanc bejn l-interessi partikolari tal-partijiet ta` dan il-kaz specifikament l-interess tar-rikorrenti sabiex tkun tista` tiehu lura l-proprjeta` mmobbli minhabba x-xoljiment tas-subenfitewsi u l-interess tar-Registratur illi jevita illi jispicca b`kumpanniji fuq ir-Registru b`nuqqasijiet kbar vis-a-vis l-Att dwar il-Kumpanniji ghal zmien twil minghajr bzonn. Dan ukoll sabiex ma jigux pregudikati nteressi ta` terzi persuni illi ma jifformawx parti mill-proceduri odjerni, liema nteressi r-Registratur fil-funzjoni pubblika tieghu huwa marbut illi jhares.*

*Illi r-Registratur tal-Kumpanniji m`ghandux jinzamm responsabbli ghall-ebda spejjez gudizzjarji konnessi ma` dan il-kaz.*

*Illi dan ir-rikors huwa minghajr pregudizzju ghal kull dritt u rimedju iehor spettanti lir-rikorrenti.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti :-*

*1. Joghgobha tordna illi isem is-socjeta` Hotels International Limited jerga` jidhol fir-Registru tas-Socjetajiet a tenur tal-artiklu 325(4) tal-Kap. 386 bil-konsegwenzi kontemplati mill-imsemmi artiklu fosthom illi mal-konsenja mir-Registratur tal-Qorti lir-Registratur tal-Kumpanniji ta` kopja ufficjali tal-ordni moghti minn dina l-Onorabbli Qorti ghar-registrazzjoni l-kumpannija Hotels International Limited ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar; u*

*2. taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jkunu xierqa biex il-kumpannija Hotels International Limited u l-esponenti jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista` jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar;*

*3. tordna li kopja ufficjali tas-sentenza ossia ordni moghti minn dina l-Onorabbli Qorti tigi notifikat jew konsenjata mir-Registratur tal-Qorti lir-Registratur tal-Kumpanniji ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta` Frar 2014.

Rat in-nota b`dokument li pprezenta r-rikorrent fl-10 ta` Marzu 2014.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta` Marzu 2014. In partikolari, il-Qorti kkostatat dak dikjarat mid-difensur tal-intimat u cioe` :

*Dr Fenech tiddikjara li r-Registratur tal-Kumpanniji m'ghandux aktar provi xi jressaq, u dwar il-pozizzjoni tieghu tiddikjara illi qed tirrimetti ruhha ghal kull decizjoni*

*li jidhrilha li ghandha taghti l-Qorti dwar it-tqeghid mill-gdid tal-isem tal-kumpannija fir-registru, purche' illi dan ikun ikopri l-progress tal-kawza in kwistjoni u jkun ghal zmien limitat, u dan sabiex jigi assigurat, anke fl-interess tal-pubbliku, li kumpanniji li fir-realta' mhumiex attivi, ma jithallewx joperaw bl-obbligi kollha attinenti mal-ezistenza taghhom minghajr kontroll.*

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri fl-istess udjenza

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. L-Art.325 tal-Kap.386**

**Dan l-artikolu huwa kompost minn seba` (7) subartikoli. L-intimat ghadda ghat-thassir mir-registru tal-isem tal-kumpannija Hotels International Limited (C1380) abbazi tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) subartikoli [ara fol 3 sa fol 9]. Fil-procediment tal-lum, ir-rikorrent qieghed jitlob li l-isem tal-kumpannija de qua jitqieghed mill-gdid fir-registru abbazi tas-subartikolu erbgha (4). Huwa ben evidenti illi s-subartikoli tlieta (3), hamsa (5), sitta (6) u sebgha (7) ma jghoddux ghall-kaz tal-lum. Unikament ghall-fini ta` kompletezza, din il-Qorti sejra xorta wahda ticcita l-artikolu shih biex imbaghad tghaddi ghall-osservazzjonijiet taghha.**

L-artikolu jaqra hekk –

*(1) Meta r-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb li kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista' jibghat lill-kumpannija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpannija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera.*

*(2) Jekk ir-Registratur jircievi twegiba fis-sens li l-kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jircevix twegiba fi zmien xahar minn meta jkun baghat l-ittra, dan jista' jibghat lill-kumpannija bil-posta u jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f 'Malta li, f`eghluq tliet xhur mid-data ta' l-ahhar pubblikazzjoni ta' l-imsemmi avviz, l-isem tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju jew jekk ir-Registratur ikun sodisfatt li hemm ragunijiet bizzejjed biex ma jipprocedix bit-thassir, jithassar minn fuq ir-registru, u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta.*

*(3) Jekk, f'xi kaz fejn kumpannija tkun qed tigi stralcjata volontarjament, ir-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb jew li ebda stralcjarju ma jkun qed jagixxi jew li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu stralcjati ghal kollox, u li l-prospetti li huma mehtiega li jsiru mill-istralcjarju skond l-artikolu 322 ikunu tard b'sitt xhur jew iktar, ir-Registratur jista' jippubblika fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f'Malta, avviz li f'eghluq tliet xhur mill-ahhar pubblikazzjoni ta' l-imsemmi avviz, l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintweriex raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u konsegwentament li l-isem tal-kumpannija jithassar minn fuq ir-registru. Ir-Registratur ghandu jiehu hsieb jibghat bil-posta kopja ta' l-imsemmi avviz lill-kumpannija u lill-istralcjarju, jekk ikun hemm. Malli jaghlaq l-imsemmi zmien ta' tliet xhur l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u r-Registratur ghandu jhassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta.*

*(4) Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors*

*maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz tat-thassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga' jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta' kopja ufficjali ta' l-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar ; u l-Qorti tista' bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih ighaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f'Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

*(5) Avviz mibghut taht dan l-artikolu jista' jigi indirizzat lill-istralcjarju fil-post tan-negozju jew fl-indirizz tieghu l-ahhar maghruf, u ittra jew avviz li ghandu jintbaghat lil kumpannija ghandu jigi indirizzat lill-kumpannija fl-ufficcju registrat taghha.*

*(6) Minkejja li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru skond id-disposizzjonijiet ta' qabel dan l-artikolu, ir-responsabbilità,*

*jekk il-kaz, ta' kull direttur jew ufficjal iehor tal-kumpannija u ta' kull membru tal-kumpannija ghandha tkompli u tista` tigi infurzata daqslikieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar mir-registru.*

*(7) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 429(1), id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu japplikaw ghal kumpannija li x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali taghha jkunu regolati bl-Ordinanza.*

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Il-fatti</u>**

Mill-atti tal-kawza fl-ismijiet "**Vincent Curmi noe vs PL Carmelo sive` Lino Abela et**" (Rik. Gur. Nru. 643/2007/SM) li kienu esebiti mir-rikorrent jirrizultaw il-fatti li gejjin –

1) Fit-13 ta` Gunju 2007, ir-rikorrent ipprezenta rikors guramentat kontra l-PL Carmelo sive` Lino D Abela u kontra Hotels International Limited gia Palm Beach Investment Limited (C1380) fejn abbazi ta` serje ta` premessi ressaq tliet domandi li essenzjalment jingabru f`talba ghax-xoljiment ta` zewg kuntratti ta` subcens l-ewwel wiehed tal-5 ta` Dicembru 1968 u l-iehor tal-25 ta` Jannar 1969 relattiv ghal bini sitwat f`Islets Promenade, Bugibba limiti ta` San Pawl il-Bahar.

2) Il-kawza ghadha pendenti u qeghda tinstema` minn din il-Qorti diversament presjeduta.

3) Fl-udjenza tas-6 ta` Gunju 2013 ta` dik il-kawza (fol 338) id-difensur tar-rikorrent informa lill-Qorti illi s-socjeta` Hotels International Limited giet *struck off* mir-registru tas-socjetajiet ai termini tal-Art 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji u ghalhekk l-atti jridu jigu legittimati.

4) Fit-13 ta` Gunju 2013, ir-rikorrent ipprezenta rikors (fol 339) fejn, wara li ppremetta li bhala effett tat-thassir tal-isem tal-kumpannija Hotels International Limited l-attiv tal-kumpannija inkluz kull beni mmobbli ghadda f`idejn il-Gvern ta` Malta, talab lill-Qorti biex *tordna l-legittimazzjoni tal-atti jew trasfuzjoni tal-gudizzju billi jidhol fil-kawza il-Gvern ta` Malta kif rapprzentat mill-Avukat Generali u dan minflok is-socjeta` Hotels International Limited.*

5) Ma jirrizultax li l-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-Avukat Generali bi zmien ghal dan biex iwiegeb.

6) Eppure r-rikors xorta wahda hareg ghan-notifika lill-Avukat Generali fit-13 ta` Gunju 2013 (ara fol 348).

7) Fl-14 ta` Gunju 2013, dik il-Qorti tat digriet fejn laqghet it-talba tar-rikorrent u ordnat il-legittimazzjoni tal-atti.

8) L-Avukat Generali kien notifikat fl-20 ta` Gunju 2013.

9) Fil-11 ta` Lulju 2013, l-Avukat Generali pprezenta nota bir-reazzjoni tieghu ghad-digriet fejn l-atti tal-kawza kienu trasfuzi f`ismu minflok il-kumpannija Hotels International Limited. Fost osservazzjonijiet ohra, l-Avukat Generali rrileva li minflok ressaq talba ghal-legittimazzjoni tal-atti bil-mod u ghar-raguni li ta fir-rikors tieghu tat-13 ta` Gunju 2013, ir-rikorrent kien messu rrikorra ghall-procedura skond l-Art 325(4) tal-Kap 386. Irrileva wkoll li skond l-Art 181B(1) tal-Kap 12, huwa ma kienx il-legittimu kontradittur tar-rikorrent.

10) Rinfaccjat bil-posizzjoni illi ha l-Avukat Generali, ir-rikorrent fl-udjenza ta` dik il-kawza tat-28 ta` Novembru 2013 informa lill-Qorti li huwa kien intavola r-rikors tal-lum sabiex il-gudizzju fil-kawza l-ohra jkun wiehed integru. Fil-fatt ir-rikors tal-lum kien prezentat fis-26 ta` Novembru 2013.

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Risultanzi</u>**

Il-Qorti tghid mill-ewwel illi **unikament** minhabba l-inadempjenzi tal-kumpannija Hotels International Limited fil-konfront tal-intimat (kif imfisser ahjar fir-risposta) l-intimat, bhala regolatur, kellu bizzejjed ragun biex jaghti bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem ta` dik il-kumpannija minn fuq ir-registru skond l-Art 325(1) tal-Kap 386. Jidher illi l-intimat segwa l-procedura kollha prevista mill-Art 325(2). U ghaliex il-kumpannija de qua xorta wahda baqghet inadempjenti, skatta t-thassir ta` l-isem taghha mir-registru skond l-istess Art 325(2).

**Il-Qorti tghid illi kien ippruvat, ghas-sodisfazzjon taghha u sal-grad rikjest mil-ligi, illi kienu gustifikati u skond il-ligi l-azzjonijiet kollha li ha l-intimat fir-rigward tal-kumpannija de qua.**

Il-Qorti tghid illi waqt li jkun ghaddej it-terminu ta` tliet xhur li jissemma fl-Art 325(2), trid tkun il-kumpannija, permezz tar-rapprezentanti legali taghha fiz-zmien in kwistjoni, li jridu jissodisfaw lill-intimat illi hemm ragunijiet bizzejjed sabiex l-intimat ma jipprocedix bit-thassir. Jekk dawk il-persuni jew ma jiehdux azzjoni inkella ma jissodisfawx lill-intimat fit-terminu ta` tliet xhur, id-dekorrenza ta` dak it-terminu johloq stat fil-konfront tal-kumpannija u l-isem jithassar.

Il-Qorti tirrileva illi t-thassir tal-isem skond l-Art 325(2) mhuwiex intiz sabiex jolqot lil dawk il-persuni li huma indikati fl-Art 325(4) tal-Kap 386. Ghalhekk membru **jew** kreditur tal-kumpannija, **jew** xi persuna ohra li jkollha interess ma ghandhomx l-obbligu li jissodisfaw lill-intimat ai termini tal-Art 325(2). Kwindi d-dekorrenza tat-terminu ta` tliet xhur imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Art 325 ma johloqx stat fil-konfront taghhom. Dment illi **dawk** il-persuni jissodisfaw ir-rekwiziti tas-subartikolu (4) tal-Art 325, huma jistghu jirnexxu fit-talba taghhom sabiex l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-registru. Is-subartikoli (2) u (4) tal-Art 325 huma ghalhekk distinti ghax jolqtu persuni b`interessi differenti.

Meqjus il-premess ghall-fatti u cirkostanzi tal-kaz tal-lum, il-Qorti tibda billi tghid illi ma jirrizultax li r-rikorrent huwa "membru" tal-kumpannija Hotels International Limited.

Lanqas ma jirrizulta li r-rikorrent huwa "kreditur" tal-istess kumpannija. Il-Qorti tghid li fis-subartikolu (4) il-legislatur ma kkwalifikax x`ried ifisser bi "kreditur". Ghal din il-Qorti ma hemmx il-htiega li l-"kreditur" ikun gie kanonizzat bhala tali jew li jkun privileggjat. Bizzejjed li jkun hemm prova *prima facie* ta` "kreditu". Fil-kaz tal-lum huwa evidenti li r-rikorrent ma mpostax l-azzjoni tieghu Rik. Gur. Nru. 643/2007/SM fuq allegat "kreditu" izda fuq allegati inadempjenzi *ex contractu.*

Il-Qorti tosserva li fis-subartikolu (4) il-hsieb tal-legislatur kien illi jwessa` (mhux jirrestingi) l-kwalita` tal-persuni li jitolbu rimedju. Huwa propju ghalhekk illi apparti l-membri u l-kredituri, il-legislatur estenda r-rimedju wkoll lil persuni li jkollhom *interess* li l-isem tal-kumpannija ma jibqax imhassar. L-"interess" irid jitkejjel u jitqies skond il-fatti u cirkostanzi ta` kull kaz. Fil-kaz ta` persuni b`*interess,* il-ligi *testwalment* ma tirreferix ghal pregudizzju pero` huwa evidenti li l-pregudizzju huwa konsiderazzjoni li l-Qorti trid tqis kemm ghar-rigward ta` min ikun qieghed jaghmel it-talba, kif ukoll ghall-fondatezza tar-ragunijiet tieghu.

Fil-kaz tal-lum, qieghed jirrizulta li kien ir-rikorrent li fil-kawza Rik. Gur. Nru. 643/2007/SM inizzja l-procedura tal-legittimazzjoni tal-atti bit-talba ghas-sostituzzjoni ta` Hotels International Limited bl-Avukat Generali wara li sar jaf li l-isem ta` Hotels International Limited kien thassar mir-registru. Kellux ragun inkella le r-rikorrent li jaghmel dik it-talba minflok jirrikorri l-ewwel ghall-procedura tal-lum mhijiex materja li trid taraha din il-Qorti fil-pronunzjament li sejra taghti llum. Pero` ghall-fini tal-procedura tal-lum huwa rilevanti ghal din il-Qorti li sabiex tkejjel l-*interess* li ghalih jirreferi is-subartikolu (4) tqis il-posizzjoni li ha l-Avukat Generali fil-kawza Rik. Gur. Nru. 643/2007/SM, posizzjoni li din il-Qorti tistqarr li hija interessanti ferm - thares mnejn thares. Huwa evidenti li bir-reazzjoni mirquma tal-Avukat Generali, ir-rikorrent sab ruhu f`posizzjoni delikata ferm b`riskju li jara l-azzjoni tieghu sejra lejn esitu ncert, inaspettat u mprevedibbli. Huwa ghalhekk daqstant evidenti li r-rikorrent *e` corso ai ripari* u mar ghall-procedura tal-lum li din il-Qorti tghid li kien messu mexxa *in the first place.* Jinsorgi hawn il-kwesit : il-motivazzjoni tar-rikorrent wara l-azzjoni tal-lum tissoddisfa r-rekwizit tal-*interess* meqjus mhux fil-parametri generali ta` kull azzjoni izda fil-parametri tal-*lex specialis* li hija l-Kap 386. Kollox kunsidrat, il-Qorti tghid li l-*interess* jissussisti. X`effett legali se jkollu l-fatt li l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jitqieghed fir-registru fuq l-andament u l-esitu tal-kawza Rik. Gur. Nru. 643/2007/SM ladarba l-atti diga` gew trasfuzi f`isem l-Avukat Generali mhuwiex ghal din il-Qorti li

tghid ; dik hija materja ghal kollox *di competenza* tal-Qorti l-ohra. Fejn jirrigwarda lil din il-Qorti ma ghandux ikun hemm dubju li l-element tal-*interess* jissussisti.

Billi l-Qorti hija tal-fehma li r-rekwiziti kollha tas-subartikolu (4) tal-Art 325 huma sodisfatti u wara li hadet ukoll in konsiderazzjoni l-posizzjoni li ha l-intimat fil-kawza tal-lum, il-Qorti sejra tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent bil-modalitajiet li sejra tipprefigi.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda, bl-applikazzjoni tal-Art 325(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, tipprovdi hekk -**

**1. Tiddikjara li hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija Hotels International Limited (C1380) jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2. Tordna li l-isem tal-kumpannija Hotels International Limited (C1380) jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji u jdum hekk registrat sa zmien sitt xhur wara d-data li fiha l-kawza fl-ismijiet "Vincent Curmi noe vs PL Carmelo sive Lino D. Abela et" (Rik. Gur. Nru. 643/2007/SM) tghaddi in gudikat.**

**3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex sa zmien hmistax (15)–il jum mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji kopja ufficjali ta` dan l-ordni ghar-registrazzjoni.**

**4. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, fi zmien hmistax (15)–il jum mid-data illi fiha r-Registratur tal-Qrati jikkonsenjalu kopja ufficjali ta` dan l-ordni, jirregistra l-kumpannija Hotels International Limited (C1380) fir-Registru tal-Kumpanniji u minn dakinhar tar-registrazzjoni, dik il-**

**kumpannija ghandha titqies li kompliet l-esistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar.**

**5. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, fi zmien hmistax (15)–il jum mid-data tar-registrazzjoni tal-kumpannija Hotels International Limited (C1380) fir-Registru tal-Kumpanniji, ighaddi biex jippubblika avviz fuq il-*website* mizmuma minnu u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`dawn il-Gzejjer fejn jiddikjara illi l-isem tal-kumpannija Hotels International Limited (C1380) rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**6. Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-procedura nkluz dawk tal-esekuzzjoni tal-provvediment tal-lum.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------